

# Il-Kappella tad-Duluri fil-Bażilika Elenjana ta' Birkirkara

*Kitba ta' Mario Fenech*

Id-Devozzjoni lejn id-Duluri tal-Madonna f'Birkirkara tmur lura lejn is-sena 1759 meta waħda mill-Kappelli tal-knisja l-ġdida ta' Birkirkara ġiet iddedikata lill-Madonna b'dan it-titlu.

Din hija l-Kappella li qiegħda fuq in-naħa tal-lemin tal-Altar Maġġur tal-Bażilika u fiha jkun hemm ukoll matul is-sena l-Istatwa Titulari ta' Sant' Elena, flimkien mal-Istatwa tal-Erwieħ u tal-Addolorata. Għaldaqstant din il-Kappella hija waħda għal qalb ħafna l-Karkariżi.



Il-kwadru ta' fuq l-altar ta' din il-Kappella ma nafux min għamlu iżda huwa ta' livell artistiku għoli ħafna. Fih l-artist pinġa lil Marija Addolorata taħt l-Għuda Mqaddsa tas-Salib, qiegħda tħares 'il fuq mbikkma fil-waqt li qiegħda żżomm ras l-Iben t'Alla fuq ħoġorHa.

Figuri oħrajn jidhru qegħdin josservaw din ix-xena ta' qsim il-qalb filwaqt li anġlu żgħir qiegħed ibus waħda mill-pjagi t'idejn Ġesù.

L-aħħar intervent ta' restawr fuq dan il-kwadru kien sar mill-artist Karkariż Ġużeppi Briffa li għandu diversi xogħlijiet oħrajn f'din il-Bażilika.

F'niċċa taħt dan il-kwadru hemm il-Korp ta' San Kostantinu li kien inġieb minn Ruma fis-sena 1807. Interessanti huwa l-fatt li dawn il-fdalijiet qaddisa huma merfugħa

f'korp tal-injam li kien ġie skolpit mill-istess skultur li għamel l-istatwa monumentali ta' Sant' Elena, jiġifieri Salvu Psaila.

Il-pittura tal-apside ta' fuq dan l-altar saret mill-artist Giuseppe Calì. Hawnhekk naraw il-Missier Etern bilqiegħda fuq tron magħmul mis-sħab, bi tliet anġli fuq kull naħa tiegħu, qegħdin iżommu simboli b'konnessjoni mal-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.

Wieħed jinnota x-xebħ tal-uċuħ tal-anġli li x'aktarx huma l-istess tfal ta' dan l-artist.

Il-Fratellanza tad-Duluri hija mwaqqfa fuq dan l-altar, ħadet ħsieb tagħmel diversi opri sagri sbieħ biex iżżejjen din il-kappella.

Fis-sena 1907 l-istatwarju Karlu Darmanin għamel l-istatwa tad-Duluri li tinħareġ f'pellegrinaġġ fir-Randan.

Fl-1953 saru l-kwadri tal-Via Matris, xogħol skolpit fl-injam tas-Seba' Duluri tal-Madonna.

L-aktar opra riċenti li saret f'din il-kappella hija l-pittura tal-koppla, l-pendenti u l-lunetti mill-artist Alfred Briffa. Dan ix-xogħol tlesta fl-1999, waqt il-jiem tal-festa ta' Sant' Elena dan l-altar jintrama b'sett gandlieri skolpiti fl-injam u indurati bid-deheb, flimkien ma' sett vażuni kbar bil-fjuretti tal-ganutell fihom.

It-tliet statwi mill-isbaħ u l-kwadru ta' fuq l-altar ta' din il-kappella huma biss ftit mill-ħafna opri sbieħ li nsibu f'din il-Bażilika Elenjana ta' Birkirkara.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.



Mosta Road, St. Paul's Bay SPB 3111
Tel: 2157 2260
www.gandhitandoori.eu